MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Numru. 887/2012

**SPETTUR ROSANNE DEBATTISTA**
**VS**
**OWEN PISCOPO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Owen Picopo ta' 27 sena bin Anthony u Jane nee' Camilleri mwieled Pieta' nhar id- 29 ta' Novembru 1984, residenti 46, Janin, Triq il- Luq, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 885M;

Talli fl- 1 ta' Settembru 2012 ghall- habta tas- 02.30am, gewwa San Giljan;
1) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' persuni inkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;
2) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skont il- Ligi mill- awtorita’ kompetenti;
3) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ PC 965 Maverick Camilleri f’ periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ PC 965 Maverick Camilleri, hekk kif iccertifika Dr Stefan Camilleri detentur ta’ numru tar- registru mediku 1771;
4) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ Justin Muscat, Gregory Pullicino, Andre Falzon, Claude Camilleri u Julian Bonello, hekk kif iccertifika Dr Stefan Camilleri detentur ta’ numru tar- registru mediku 1771;
5) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PS 1187 Omar Zammit u PC 965 Maverick Camilleri sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
6) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Ritianne Falzon u Justin Muscat sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
7) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Gregory Pullicino, Andre Falzon, Claude Camilleri u Julian Bonello sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;
8) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema l- ammont tal- hsara ma jiskorrix €23.29 ghad- detriment tal- Gvern ta’ Malta;
9) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;
10) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-parti leza kienet irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat, u l-griehi sofferti kienu ta' portata zghira.

Rat illi l-imputat skuza ruhu ghall-incident kollu, u ma kien hemm ebda hsara materjali fl-istabbiliment indikat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 95(1), 96(a), 221(1)(c), 325(1)(d), 339(d), 338(dd), 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------